**367. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jagħti b'ċens lill-Kummissjoni Għolja Ingliża art fil-Furjana kif hi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art fil-Furjana deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lill-Kummissjoni Għolja Ingliża għaż-żmien għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

06.02.1987